# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

**Laqgħa Nru. 20/K9/20**

Data tal-laqgħa: 13 ta' Lulju 2020

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Dott. Albert Buttigieg – Sindku
Clayton Luke Mula – Viċi Sindku
Guido Dalli – Kunsillier
Patricia Camilleri - Kunsilliera
Adrian Domenic Ellul – Kunsillier
Martin John Sultana – Kunsillier
John Agius – Kunsillier
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera
Sean Gauci - Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (1) – (0)**

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech – Skrivana

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**20.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

20.1.01 Is-Sindku Dott. Albert Buttigieg irringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff li baqgħu jaħdmu fis-sitwazzjoni li kellna tal-Covid-19 u kien hemm kooperazzjoni.

20.1.02 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**20.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

20.2.01 Il-Kunsillier Martin John Sultana talab li ssir korrezzjoni dwar is-slielem li kelhom isiru fejn wieħed minnhom għadu ma sarx. Huwa ġie nfurmat li dawn saru.

20.2.02 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul talab li ssir korrezzjoni ta' 19.2.07 fejn hu kien talab li ssir laqgħa mar-residenti fir-rigward ta' Triq Diodorus Siculus.

20.2.03 Il-Kunsillier Martin John Sultana kien qajjem punt li dan ma tniżżilx fil-minuti fir-rigward culvert li kellu jsir f' Ta' Ġiorni. Għaldaqstant huwa talab li dan jiġi nkluż.

20.2.04 Wara diskussjoni qasira, il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 19/K9/20.

20.2.05 Il-Kunsillier Guido Dalli ssekondah.

20.2.06 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Punti Imqajjma mill-Minuti**

20.2.07 Il-Kunsill ġie nfurmat li fir-rigward il-barriers li kellhom isiru f' Xatt is-Sajjieda, il-proċess beda.

20.2.08 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul talab xi żvillupp kien hemm fir-rigward il-bozza mal-ħajt fi Triq il-Qaliet. Huwa ġie nfurmat li l-Kunsill għamel l-applikazzjoni sabiex din ssir.

20.2.09 Tqajjem il-punt dwar 19.2.08 fir-rigward ix-xogħolijiet ta' asphalt li kien qed isir fi Triq Bonavita, dan tlesta u ser ikunu qed isiru r-road markings kollha.

20.2.10 Ingħataw il-kondoljanzi lill-kuntrattur tar-road markings għat-telfa tal-mama tiegħu.

## 20.3 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen

20.3.01 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli spjegat li attendiet laqgħa mal-Animal Walfare fir-rigward l-għajnuna għal-qtates abbandunati, fejn ser tkun qed issir skema sabiex jingħata xelter lill-animali, ikel etc. Is-Segretarju nforma wkoll li kienet ġiet sottomessa l-applikazzjoni għal din l-iskema.

20.3.02 Il-Kunsillier Sean Gauci wasal fil-5.30p.m.

20.3.03 Saret laqgħa mal-Infrastructure Malta dwar il-bus shelters fi Triq Sant' Andrija. Din il-laqgħa saret mas-Sur Fredrick Azzopardi iċ-Ċermen ta' l-Infrastructure Malta.

20.3.04 Saret laqgħa mal-Onor. Clifton Grima, dwar follow up ta' laqgħa li kienet saret preċidenti dwar il-Kumpless ta' Ta' Ġiorni, il-laqgħa ma kienetx fuq il-Kumpless, iżda f'din il-laqgħa kien hemm diskussjoni dwar il-fondi tal-Kunsill fuq il-pixxina tal-Club tal-WaterPolo ta' San Ġiljan.

20.3.05 Issemiet l-iskema tal-Go Slow u li kienet saret diskussjoni preliminarja fir-Reġjun, fejn fiha kien hemm qbil li kull min jixtieq jidħol f'din l-iskema seta' jqabbad espert sabiex jingħata parir kif għandha tiġi atwata din l-iskema. Ir-Reġjun innomina wkoll persuna bħala espert u li kien ser jissusidja €3,000 sabiex jagħmel tajjeb għall-ispejjez ta' dan l-espert.

20.3.06 Ħarġet applikazzjoni għall-talba ta' *tables and chairs* quddiem id-Drinks & More fil-Pjazza Qalb ta' Ġesu'. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill qabel li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni dment li jħalli aċċess għal-passaġġ.

20.3.07 Il-Kunsillier Guido Dalli qajjem il-punt li x-xogħol li sar fuq il-parapett ta' Triq il-Mensija ma ġiex installat sistema sabiex ikun jista' joħroġ l-ilma li jinġabar ġol-ħwat.

20.3.08 Il-Kunsillier John Agius ilmenta li dak li għandu l-concession f'parti mill-Ġnien ta' Spinola, qiegħed jpoġġi sandwich boards mal-gates ta' l-istess ġnien. Kellha tittiehed azzjoni.

20.3.09 Il-Kunsillier Martin John Sultana staqsa dwar is-sistema tal-irrigation fuq il-front. Is-Segretarju nfurmaħ li s-sistema qeda taħdem u bħalissa qed isir manutenzjoni fuq is-sistema. Huwa qajjem il-punt wkoll fi Triq Ċensu Tabone fejn hemm 2 parking spaces għall-persuni b'diżabilita' ħdeja hemm motor cycle bay u din ma tkunx tista' tinżel persuna. Għaldaqstant huwa talab li din il-motor cycle bay titmexxa.

20.3.10 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul reġa fakkar lill-Kunsill dwar il-bozza fi Triq l-Arċisqof Romero. Talab li ssir laqgħa mar-residenti fi Triq Diodorus Siculus.

20.3.11 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli tkelmet dwar vann li hemm abbandunat fi Triq Ċensu Tabone. Hija ġiet infurmata li l-każ kien diġà ġie rrappurtat lill-Pulizija.

20.3.12 Il-Kunsillier Sean Gauci qajjem il-punt dwar il-Pjazza Balluta int u nieżel ħdejn Le Meridien, biex terġa tinżebagħ l-istop sign minħabba li hi faded.

20.3.13 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri qajmet il-punt sabiex isir ftit *patching* fi Triq il-Ballut peress li hemm xi ħofor.

**20.4 Użu tal-Fondi tad-Development Funds;**

20.4.01 Saret diskussjoni dwar it-talba li hemm min-naħa ta' San Ġiljan Water Polo Club u issa wkoll min-naħa tal-Ministeru ta' l-Isports sabiex parti mill-fondi tal-iżvillup li huma disponibbli għall-Kunsill jintużaw sabiex isir tibdil fil-pitch tal-Water Polo ta' San Ġiljan. Kien hemm diversi opinjonijiet u fl-aħħar kien hemm qbil li l-Kunsill jagħti għall-dan il-proġett il-fondi li jibqu disponibbli mill-Planning Fund wara li jkun ittieħed il-fondi għall-proġetti approvati mill-Kunsill. Din is-somma għalissa tammonta għall-1.6million pero l-Kunsill qieghed jintrabat biss fuq ċifra li tkun disponibbli pero' iċ-ċifra m'għandix tammonta aktar mill-1.6million.

**20.5 Talbiet żgħar;**

**20.5.01 Korrispondenza dwar proġetti iffinanzjati mill-Kunsill Reġjonali Ċentru (Inc. 12891/20 & Inc. 12910);**

20.5.01.01 Il-Kunsill ġie nfurmat.

**20.5.02 Email mingħand l-Faces dwar Bus Shelter Applications (Inc. 12927/20)**

20.5.02.01 Il-Kunsill qiegħed japprova dawn il-proposti.

**20.5.03 Email dwar talba ghall-unloading bay (Inc. 13126/20);**

20.5.03.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din issir.

**20.5.04 Email dwar skart f'Ta' Ġiorni (Inc. 13140/20);**

20.5.04.01 Wara diskussjoni qasira, l-Kunsillier Adrian Domenic Ellul talab li temporanjament tiġi rtirata.

**20.5.05 Email mingħand il-Lands Authority dwar Sqaq il-Lunzjata (Inc. 13141/20);**

20.5.05.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li it-triq hija pubblika, però terzi għandhom dritt fuqha peress li qed jitħallas ċens.

**20.5.06 Email dwar talba għal-attivita' fit-Tigulio (Inc. 13225/20);**

20.5.06.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

**20.5.07 Email dwar tibdil ta' isem ta' parti mit-Triq Ċensu Tabone (Inc. 12933/20);**

20.5.07.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma jaqbilx.

**20.5.08 Email dwar slow street Project application – St. Julian's (Inc. 13021/20);**

20.5.08.01 Din diġa ġiet diskussa iktar l-fuq fl-aġenda.

**20.5.09 Email Valletta pageant of the seas – Tellieqa Telliqun (Inc. 13098/20);**

20.5.09.01 Din inġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill.

**20.5.10 Email mingħand Aġenzija Sapport dwar liaison (Inc. 13132/20);**

20.5.10.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li nkellmu l-kappillan fuqha.

**20.5.11 Korrispondenza mingħand is-San Giljan Aquatic Sports Club dwar U-Shapped barriers u banners.**

20.5.11.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li kien hemm qbil li l-u-shapped barriers jiġu approvati sa' għaxra filwaqt li l-banners għandhom jitneħħew minn mar-railings u jekk iridu jwaħħluhom mar-railing li hemm viċin il-baħar.

**20.5.12** Is-Segretarju ressaq email mingħand it-TCTC dwar app dwar My Local Council Service. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma qabilx ma din il-proposta.

**20.5.13** Is-Segretarju ressaq email dwar sistema ġdida sabiex isiru il-permessi. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni din is-sistema ssir.

**20.6 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

20.6.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 5127 sa 5142 (Ara Appendiċi 'A')

20.6.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**20.7 Skeda tal-Pagamenti**

20.7.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'B')

20.7.02 Il-Kunsillier Sean Gauci ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

20.7.03 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ssekondatu fl-approvazzjoni tagħhom.

**20.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

20.8.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-laqgħa għal nhar il-Ħamis 6 ta' Awwissu 2020 fil-5.00p.m.

20.8.02 Il-laqgħa ntemmet fid-8.40p.m.

**IFFIRMATI,**

**Dott. Albert Buttigieg**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data:** 06 ta' Awwissu 2020